# *Kunsill Lokali Marsaskala*

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minutital-laqgħaNru : **9** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **il-Ġimgħa 30 ta' Awwissu 2013 fil-6.00p.m.**

## L-EwwelSeduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sinjorina Desiree` Attard |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Daniel Spiteri |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skrivana | Is-Sinjorina Chantel Zammit |
| Skużat | Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sur John B. Camilleri |

### ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 8.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tal-Kwotazzjoni MLC 03/2013 – Playingfield equipment in Ġnien Antoine Randich
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.


Mayor
Mario Calleja

Vice Mayor
Desiree` Attard

Councillors
John Baptist Camilleri
CharlotMifsud
CharlotCassar
Elisabeth Cassar
Lawrence Ciantar
Daniel Spiteri
Sandro Gatt

Executive Secretary
Josef Grech

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 8(1) tal-8 ta' Awwissu 2013:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 10 l-ewwel paragrafu għandhu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa li l-swimming zones eżistenti għandhom jibqgħu jekk hemm il-ħsieb li ssir yacht marina. Huwa żied jgħid li kien hemm xi għidud illi l-Kunsill qed jaħdem mal-Għaqda Baħħara u Sajjieda sabiex din l-għaqda jieħdu l-bajja f'idejhom".*

Il-Kunsill qabel unanimamnet lil nibgħatu lil MEPA dwar dan.

❖ ***Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri daħal għal-laqgħa fis-6.13pm***

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar qalet li paġna 13 artiklu #7.0 l-aħħar paragrafu jrid jinbidel u jinqara kif ġej :

*"Il-Ħadd 1 ta' Settembru 2013 – Ser ikun hemm quddies filgħodu u wara tberik tal-annimal, żied jgħid illi filgħaxija ser ikun hemm riċeviment għas-sotto kumitati kif ukoll helpers ta' Marsaskala".*

1.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi paġna 7 is-sitt paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li f'Marsaskala ma jixtieqx li jsir Caravan Sites bl-addoċċ u hu joġġezzjona illi titniżżel fil-pjanijiet lokali tal-MEPA. Kien hemm qbil li għandhom jerġgħu jiċċekkjaw iktar fid-dettal il-Project Description Statement".*

1.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi paġna 11 artiklu #4.2 l-ewwel paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq pagamenti #542, #543 jekk il-Pulizija f'din l-attivita` għalqux it-triq għax jekk it-traffiku baqa` għaddej stajna ma ġibnihomx".*

**Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Cinatar issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra u 1 astensjonijiet.**

**Il-minuti kif emendati ġew unanimament approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

2.0 **Punti li joħorġu mill-Minuti:**

2.1 **Laqgħa Nru 8(1) tal-8 ta' Awwissu 2013:**

2.1.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi rigward l-artiklu #3.2 ta paġna 6, huwa kien tkellem waqt il-laqgħa tal-Mepa minħabba illi l-Kunsilliera kienu rċevew korrispondenza qabel din il-laqgħa, fejn il-Kunsill kien diġa qed jidher bħala *objector*. Din kienet ir-raġuni għalfejn huwa kien tkellem waqt din is-seduta pubblika filwaqt li kien jaf li kellha tiġi diskussa iktar fid-dettal waqt is-seduta tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li din l-korrispondenza kienet rigward l-oġġezzjoni li kien issottometta l-Kunsill ħalli jkun hemm iċ-ċans illi jiġi diskuss aħjar dan il-każ u dan peress li l-Kunsill ikun meqjus bħala *objector.*

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-Kunsill għandu dritt li joġġezzjona u li fl-opinjoni tiegħu kienet l-aħjar deċiżjoni.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li meta jkun suġġett importanti l-aħjar li ssir laqgħa b'urġenza ħalli jiġi diskuss aħjar is-suġġett bejn il-Kunsilliera kollha.

2.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 8 artiklu #3.7 fejn qal li mportanti illi jiżergħu kemm jista jkun malajar is-siġar taż-żebbuġ.

2.1.4 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa rigward paġna 7 artiklu #3.5 fejn staqsa jekk il-Perit kienx għamel il-pjanti neċessarji

Is-Sindku qal illi l-Perit kien għamel il-pjanta fejn spjega illi biex titwessa l-banika min-naħa tal-ħwienet kienu ser jitnaqqsu 15 il-parkeġġ mill-75 parkeġġ li hemm fil-preżent. Huwa żied jgħid illi biex dan ikun possiblli minħabba il-wisgħa tat-triq trid tittieħed 70cm mill-promenade u din tinvolvi ħafna spejjeż minħabba li hemm l-arbli tad-dawl, is-sitema tad-drenaġġ, it-tarmak u xogħol ieħor involut, kif ukoll tittieħed biċċa mill-promenade.

Fid-dawl ta' dan ippropona li jibqa kollox kif inhu

Il-Kunsill qabel unanimament illi jirrinunzja għal din it-talba filwaqt li jinforma lil TMalta b'din id-deċiżjoni.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 8 punt # 3.10 jekk kellniex xi risposta rigward il-kontijiet pendenti fuq il-proġett Intercultural meal.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għad m'hemmx risposta.

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Stima għal PABX ġdida għal-Kunsill:**

Is-Sindku qal illi illum kien ġo ażjenda fejn dawn kellhom *buzzer* sabiex jkellmu lil xulxin internament u huwa tal-opinjoni illi din is-sistema tapplika għalina. Huwa qal illi peress illi l-*customer care* jirċievu ħafna telefonati għalih jkun hemm *extention number* fejn in-nies jkunu jistgħu jaqbdu dirett lis-Sindku.

Is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar għandhom jaħdmu fuq l-ispeċifikazzjonijiet tal-PABX il-ġdida.

3.2 **Korrispondenza mil-UIF tal-MEPA fejn il-porġett ta' Triq il-Blajjiet u Triq San Gwakkin ma kkwalifikawx għal fondi tal-UIF (35/4222/13/I):**

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera illi l-applikazzjoni tagħna ma ġietx milqugħa mil-MEPA u s-Segretarju Eżekuttiv kien reġa prova biex jikkonvinċihom imma għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi fi Triq San Gwakkin m'hemmx bankina u hija perikoluża ħafna għaliex diġa kien sar aċċidenti fatali fiha u allura għanda issir mill-fondi tal-Kunsill. Huwa żied jgħid li kien hemm taraġ żgħir fil-bidu tat-triq ħdejn il-kamra li waqa u għandu jsir ukoll.

Il-Kunsill qabel unanimament illi issir il-bankina fi Triq San Gwakkin in-naħa ta' fejn hemm il-ħajt tas-sejjieħ u jerġa jsir it-taraġ ukoll.

Is-Sindku qal illi għal bandli taż-Żonqor għandha napplikaw bil-fondi tal-UIF.

3.3 **Qinghai Performance & Arts Group from China (35/4245/13/I):**

Is-Sindku skuża ruħu illi xi drabi jkun hemm okkażjonijiet ta' xi attivita fejn tittieħed deċiżjoni ta' malajr u ma jkunx hemm ċans li ngħadduha Kunsill, b'hekk il-Kunsilliera jiġu nfurmati wara. Huwa żied jgħid illi ser issir attivita` b'kollaborazzjoni ma l-Ambaxxatur Ċiniż ġewwa Malta fejn se ssir *performance* minn grupp ċiniż fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mil-ftuħ taċ-Chinese Cultural Centre.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk ħriġniex il-kowtazzjoni tad-dawl għal-Iljieli Skalin.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li ser jiċċekkja sabiex tinħareġ din il-kwotazzjoni filwaqt li jrid jiċċekkja l-ewwelnett x'tip ta' dawl se jkun hemm bżonn.

3.2 **Artiklu fuq l-I News:**

Is-Sindku ġiebed l-attenzjoni tal-Kunsilli illi meta jkun hemm xi Kunsillier illi jrid jikteb xi artiklu u jkun ser jiffirmah bħala Kunsillier dan għandu jikkomunika qabel mas-Segretarju Eżekuttiv jew mas-Sindku. Huwa rrefera għal każ tal-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard kif deher fuq l-*i news*.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet li din kienet biss opinjoni tagħha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar staqsa jekk hu bħala Kunsilliera għandux dritt jikteb f'xi ġurnal jew f'xi sit eletroniku taħt il-kappa ta' Kunsillier.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu li l-liġi ma tantx hija ċara dwar dan u iktar tidħol l-etika.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence qal illi hemm differenza bejn meta isirlek intervista u meta tikteb artiklu.

Is-Sindku qal li fl-opinjoni tiegħu hija l-istess ħaġa u fl-opinjoni tiegħu ma nistgħux naħdmu b'dan il-mod jekk irid li jkun hemm armonija fil-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi huwa jixtieq jkun jaf jekk huwa għandux dritt li jsemma leħnu bħala Kunsillier.

Is-Sindku wieġbu illi huwa għandu dritt jsemma leħnu u ġab l-eżempju meta kienet ittieħed deċiżjoni rigward is-siġar tal-ġnien ta' San Tumas fejn hu kien astjena mentri fil-laqgħa tal-bord huwa kien qabel miegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar wieġbu illi huwa kien astjena minħabba l-fatt illi kienet diġa itieħdet deċiżjoni fil-leġislatura preċedenti u allura ma kienx hemm raġuni li terġa tittieħed deċizjoni.

Is-Sindku qallu illi ma jistax jżommu mill-jikteb xi artiklu taħt il-kappa ta' Kunsillier imma biex ma jkunx hemm firda fil-Kunsill qed jitlob lill-Kunsilliera illi meta jkun hemm xi Kunsillier li jrid jikteb bħala Kunsillier jikkonsulta lis-Segretarju Eżekuttiv qabel.

3.3 **EIA for Caravan Park (35/4135/13/I):**

Is-Sindku qal li kien ilhu jfittex minn huwa il-persuna li kien qed japplika għal dan il-*caravan site* u fl-aħħar kien kellmu fejn dan l-iżviluppatur kien qallu li dan mhux ħa jagħmlu bħala *business*.

Is-Sindku qal illi hemm bżonn niktbu lil Mepa u naraw għaliex qed jgħidu li m'hemmx bżonn li jsir l-EIA report. Huwa kompla jgħid li min-naħa tal-Kunsill ma jsibx li għandu jkun hemm oġġezzjoni rigward l-ħruġ tal-permess fid-dawl li jsir l-EIA report, liema rapport jkun wieħed possittiv.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard qalet illi hi tal-opinjoni illi ma noġġezzjonawx fuq il-pjanti pero` nippressaw sabiex jsir l-EIA report.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.4 **Lezzjonijiet tal-Malti offruti mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud informa lill-Kunsilliera illi ser jsiru lezzjonijiet bil-Malti għal-barranin. Huwa żied jgħid li dan il-kors ser isir ġot-*training centre* u ser ikun jiswa €25 għal kull persuna. liema flus se jgħoddu lil persuna inkarigata mill-lezzjonijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv żied jgħid illi rigward il-ħlas tal-korsijiet tat-TCTC ser jibdu jsiru fil-Kunsill u mhux kif qed jsiru fil-preżent dak in-nhar tal-*meeting*.

3.5 **Emergency gate fi Ġnien David Vella:**

Is-Sindku qal li hemm bżonn li tinfetaħ entratura f'dan il-ġnien fil-part li tagħti għal parapett ta' San Tommaso Restaurant u tingħalaq b'gate.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-importanti li ma jinħarġux mwejjed u siġġijiet fil-bandli.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

3.6 **ICT Courses in your community October 2013 till May 2014:**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi Marsaskala kienet waħda mill-aktar lokalitajiet illi kellha konkorezza ta' studenti għal-korsijiet tas-sajf. Huwa żied jgħid illi din il-kumpanija qed tofri kors tal-LearnIt beginners għal-85 student u kors tal-ECDL start għal-12 il-student għall-prezz ta' €1150.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal illi l-modules tal-ECDL qed jinbidlu u ma jafx jekk mhux ser jibqu validi sa tlett snin oħra jekk dawn jiġu offruta għal studenti illi ser jpoġġu għal eżami tal-ECDL.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal jekk huwiex possibbli illi f'każ illi jekk ma jkunx hemm biżżejjed konkorrenza għal-learn it beginners nkunux nistgħu nżidu fil-konkorrenza tal-ECDL.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niddiskutu mas-Sur Ray Ablea tat-TCTC sabiex nistaqsu il-punti kollha neċessarji u dan anke peress li l-Kunsill ma jistax jaqbeż il-limiti tad-*direct order*.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi fl-iskeda tal-ħlasijiet nru 8 pagament #327 kien hemm żball fl-ammont li kien tħallas lill-Karmig Trading Ltd fejn dan il-kuntrattur kien tħallas €85.80 iktar mill-suppost. Huwa żied jgħid illi lil kuntrattur konna kellimnieh u dan għandu jiċċekkja min-naħa tiegħu u jirimborsjana l-ammont lura.

4.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq pagament #610 peress li fi Triq Għaxqet l-Għajn ma sarux *road markings*.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn kienu *stop markings* fi Triq il-Blajjiet k/m Triq Għaxqet l-Għajn.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri staqsa fuq id-*double yellow lines* li saru fi Pjazza Dun Tarcis Aguis quddiem it-Tiffany's jekk sarux min-naħa tal-Kunsill.

Is-Sindku wieġbu illi dawn kienu saru min-naħa tagħna. Huwa kompla jispjega illi kien hemm xi bankijiet illi tressqu peress li kienu qed jiġu bejn l-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku qal ukoll illi applikajna biex t-*telephone box* li hemm titneħħa peress li din ma tintużax. Huwa nforma lil Kunsilliera illi is-sid tat-Tiffany's qed jagħmel il-permess tal-imwejjed u s-siġġijiet kull weekend.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-Ħadd li għadda kien hemm xi stabbiliment li kien ħareġ l-imwejjed u s-siġġijiet fil-bandli u talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex ikollna ir-*recording*.

4.3 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq pagament #616 fuq xiex kienet il-kerha

Is-Segretarju Eżekuttiv weġibha illi din hija l-kerha tal-art ta' Ġnien Sant'Anna fejn ser jinbena l-Kunsill u titħallas darba f'sena. Dan peress li l-Kunsill Lokali għandu titlu fuq il-Ġnien Sant'Anna.

**Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri ppropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud issekonda.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

5.0 ***Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni:***

5.1 **MLC 03/2013 Playingfield equipment in Ġnien Antoine Randich:**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta il-lista tal-offerenti li issottomettew l-offerta tagħhom.

| | Kuntrattur | Option | Ammont |
|---|---|---|---|
| 1. | Forestals | Option 1 | €4137.71 |
| | | Option 2 | €5480.88 |
| 2. | M Quip | Option A | €4276.00 |
| | | Option B | €4418.00 |
| | | Option C | €4463.00 |
| | | Option D | €4615.00 |
| | | Option E | €5103.00 |
| | | Option F | €6010.00 |
| | | Option G | €6347.50 |
| | | Option H | €7133.30 |

| | Kuntrattur | Option | Ammont |
|---|---|---|---|
| 3. | JGC Ltd | | €4645.00 |

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta ir-rapport li kien ħejja l-Perit tal-Kunsill fejn kien qed jirrakkomanda lil JGC Ltd peress li kien qed joffri l-apparat kif kien mitlub fl-ispeċifikazzjonijiet. L-offerti l-oħra jew ma kellhomx l-appart skond l-ispeċifikazzjonijiet jew inkella kien qabeż il-limitu tal-kwotazzjonijiet.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree` Attard pproponiet illi din il-kwotazzjoni tingħata lill-JGC Ltd peress li huwa technically and administravely compliant u l-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri issekonda.

Il-votazzjoni għaddiet 7 favur 0 kontra 0 astenzjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija.

## 7.0 ***Mozzjonijiet:***

### 7.1 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#026-9/7/13):**

*"Jipproponi li f'rispett sħiħ lejn id-drittijiet tal-annimali kif ukoll is-saħħa u l-paċi pubblika, tiġi msejħa laqgħa mas-Sur Vella bil-ħsieb li naqblu miegħu fuq pjan ta' azzjoni biex dawn il-qtates:*

*a) Jiġu msewwija.*
*b) Jiġu ċċertifikati li huma fi stat ta' saħħa tajba u li ma għandhom l-ebda mard li jista' jkun ta' periklu għas-saħħa pubblika.*
*c) Jiġi maqbul fejn l-aħjar li dawn l-istess qtates jiġu mitluqa lura."*

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal li kien issekonda din il-mozzjoni peress li l-ħarsien tal-annimali jaqa taħt id-dekasteru tiegħu.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li hawn ħafna residenti li jagħtu x'jieklu lil qtates, iżda hawn residenti oħra li qed jilmentaw għaliex qed jkun hemm ħafna ħmieġ u dawn il-qtates qed jqattu l-boroż tal-iskart.

Il-Kunsill qabel unanimament li niltaqgħu mas-Sur Vella.

### 7.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#027-9/7/13):**

*"Jipproponi sabiex jitwaħħlu tabelli fiż-żoni li fihom jiġu mitmugħa dawn il-qtates fejn il-Kunsill jgħarraf illi qiegħed jimmoniterja s-sitwazzjoni kif ukoll jieħu l-prekawzjonijiet sabiex jiġi kkontrollat in-numru ta' dawn il-qtates. It-tabella għandha tħeġġeġ ukoll lil dawk il-persuni li b'tant għożża jieħdu ħsieb dawn l-annimali abbandunati sabiex bl-istess għożża jżommu l-post nadif."*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex l-ewwel issir laqgħa mas-Sur Vella u wara jsiru t-tabelli

7.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar (#028-9/7/13):</u>**

*"Jipproponi sabiex tinfetaħ diskussjoni mas-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-kura u l-ħarsien tal-annimali sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx il-ħtieġa u tiġi mfassla liġi li tirregola l-ħarsien ta' dawn l-annimali fit-toroq."*

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari.

7.4 **<u>Mozzjoni mmresqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#035-22/8/13):</u>**

*"L-aħħar laqgħa li kellna l-bieraħ bħala kumitat kulturali, ġie deċiż li għaxra mill-grupp issa nagħmlu ftit ġid ukoll barra minn xtutna.*

*Peress illi jiena żort darbtejn Araquipa ġewwa l-PERU ġie deċiż illi f'Ottubru 2014 nżuru dan il-lokal tant fqir.*

*B'hekk il-Kunsillier Elizabeth Cassar u jiena bħala Sindku qed nipproponu illi il-Kunsill jaċċetta donazzjonijiet mingħand benefatturi, tinħareġ riċevuta u wara sempliċiment jieġu trasferiti fiż-żewġ kontijiet bankarji "HSBC u BOV taħt l-isem 'FOND PERU.'*

*Min hemm wara jsir transfer mill-ewwel fil-kont ta' Fr Govanni ġewwa l-Peru.*

*Nipproponu wkoll li nużaw paġna mir-rivista tal-Kunsill ħalli nwasslu l-messaġġ tagħna u b'hekk nsibu iżjed għajnuna."*

Is-Sindku qal li jixtieq illi fir-rivista tal-Kunsill li jmiss jkun hemm spazju sabiex jitniżżlu dawn iż-żewġ kontijiet bankarji fejn inkunu qed ninfurmaw lir-residenti b'din il-ġabra. Huwa żied jgħid li ser jikseb il-permess min-naħa tal-Puluzija sabiex jingħataw permess li jiġbru dawn il-fondi.

Il-Kunsill qabel unanimament illi kull minn jkun irid jagħti donazzjoni jkun jista jiġi l-Kunsill u aħna min-naħa tagħna nagħtu riċevutu u wara jiġu iddepożitati f'dawn iż-żewġ kontijiet bankarji, kif ukoll jingħata spazju fir-rivista u jekk ikun hemm bżonn ta' xi biljetti u *flyers* isiru mill-Kunsill.

7.5 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#036 – 23/8/13):</u>**

*"Jipproponi sabiex jinxtraw żewġ pots oħra quddiem ristorant ta` Grabiel. Hemm żewġ spazji vojta u qed jistunaw."*

Il-Kunsill qabel unanimament illi jinxtraw żewġ pots oħra u jitpoġġew fuq l-istess *central strip.*

7.6 **<u>Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier –is-Sur Daniel Spiteri (#037 – 26/8/13):</u>**

*"Jipproponi sabiex jinxtraw it-trophies għal sajda li se ssir b'risq il-Community Chest Fund fl-20 ta' Ottubru."*

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri spjega illi ser issir komptezzjoni nazzjonali tas-sajd għal mulett u l-qligħ li ser jinġabar ser jmur għal-Community Chest Fund. Huwa żied jgħid illi hemm bżonn li jinxtraw 7 trophies li ser jiswew madwar €96.

Il-Kunsill qabel unanimament li jinxtraw dawn it-trophies.

7.7 **Mozzjoni mressaq mis-Sindku –is-Sur Mario Calleja (#038 - 29/08/13):**

*"Jipproponi sabiex issir simenta taħt il-bring in sites fir-Ramla ta' San Tumas sabiex ikun jista jitnaddaf aħjar peress li dan l-aħħar ġibdulna l-attenzjoni illi qed ikun hemm min jabbuża ħafna minn kull tip ta`skart, u qalulna illi fuq il-ġurnal The Times li aħna "third world Country".*

Is-Sindku qal li hemm persuna fejn offra li jieħu ħsieb diment li ssir is-simenta.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir simenta

8.0 ***Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.***

8.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Elizabeth Cassar nfurmat lill-Kunsilliera bl-attivita` mtella miċ-Ċiniżi li ser ssir nhar il-Ħadd 8 ta' Settembru 2013 f'ġieħ l-10 snin anniversarju ta' din l-ambaxxata.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li tkellem mal-*boys scout* sabiex f'Marsaskala jkollna *Boy scouts*.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri qal li hu kien diġa prova sabiex jkollna *Boy scouts* ġewwa l-lokalita` tagħna pero kienu qalulu illi gruppi ġodda mhumiex qedgħin jingħataw permessi biex jiftħu.

9.0 ***Aġġornament:***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-9.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2013 fis-6.00pm

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku